MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 319/2010

**A B f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri C D nominata b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2010**

**-vs-**

**E D; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti u l-intimat E D huma legalment isseparati u dan kif inhu evidenzjat mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni legali ta' bejniethom datat it-3 ta' Marzu tas-sena 2004 u redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Mary Grech Pace (ara Dok. EF1);

Illi nhar is-26 ta’ Mejju tas-sena 2003, twieled il-minuri C D u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. EF2;

Illi f’Jannar tas-sena 2002, l-intimat E D telaq mid-dar matrimonjali u minn dakinhar ‘il quddiem, il-partijiet ghexu b’mod separat u ma tezisti ebda possibilita’ li l-minuri huwa l-wild naturali tal-istess intimat E D;

Illi fil-fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri C D mhux il-wild naturali tal-intimat E D, u dan kif jirrizulta ukoll mid-dikjarazzjoni taghhom li tinsab f’paragrafu numru 10 tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni legali msemmi aktar ‘il fuq (ara Dok. EF1), izda stante l-prezunzjoni legali li tohrog mill-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta , ic-certifikat tat-twelid jidentifika lill-intimat E D bhala l-missier naturali;

Illi r-rikorrenti trid li c-certifikat ta’ binha jkun jirrispekkja l-verita’ tac-cirkostanzi u ghaldaqstant, ma tridx li l-intimat jibqa’ jidher fuq ic-certifikat tat-twelid bhala missier il-minuri;

Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li c-certifikat tat-twelid tieghu jkun jirrispekkja r-realta’ u dan anke in vista tal-fatt li l-istess minuri huwa konxju mill-fatt li l-intimat E D mhux missieru;

Illi ghal kull buon fini, ir-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li tissottometti ruhha kif ukoll lill-minuri C ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom tista’ tigi eskluza l-possibilita’ li l-intimat E D huwa l-missier naturali tal-minuri;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li l-minuri C D mhux il-wild naturali tal-intimat E D u li l-istess intimat m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri;

Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri C D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem “E D”, in-numru tal-karta tal-identita’ rispettiva tal-intimat li ggib *ommissis*, il-professjoni jew is-sengha tal-istess intimat, l-eta’, il-post tat-twelid u residenza tal-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u minflok inizzel “missier mhux maghruf” u tordna kull modifika ohra li tkun mehtiega f’kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddel il-kunjom tal-minuri ghal dak “B” biex jirrispekkja kunjom l-omm naturali;

Bl-ispejjez kontra l-intimat E D li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ E D, fejn dan iddikjara:

Li permezz taghha qieghed jiddikjara u bil-gurament tieghu jikkonferma li huwa mhux il-missier naturali tal-minuri C D li twieled nhar is-26 ta’ Mejju tas-sena 2003, stante li l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* sa minn Jannar tas-sena 2002 u minn dak iz-zmien ‘il quddiem, qatt ma kien hemm ebda relazzjoni intima bejn il-partijiet li setghet twassal ghall-koncepiment tal-imsemmi minuri.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn dan eccepixxa:

Illi *in limine litis* jigi eccepit li l-esponent m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi.

Illi madanakollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtigielha illi tipprova l-impossibilita’ fizika tal-

kongungiment bejnha u bejn zewgha E D u dan tul il-perjodu li jispecifika l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fl-istess waqt, ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 2158 tas-sena 2003;

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati t-tieni u t-tielet eccezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri C, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Di fatti, huwa opportun li jekk il-minuri ha jitlef l-istat ta' iben imwieled u mnissel fiz-zwieg talanqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem E, senjatament taht il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm u ta' min ghamel id-dikjarazzjoni, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2158 tas-sena 2003;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit prodott.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat li mill-provi prodotti, ir-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali u tipprova li l-minuri m'huwiex wild naturali ta' zewgha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa l-ewwel talba;

Tilqa' t-tieni talba; u

Tordna li mill-Att tat-Twelid Nru. 2158/03 jithassru l-konnotati kollha ta' E D mill-kolonna ta' taghrif dwar il-missier u jitnizzlu l-kliem "mhux maghruf". Ghandhom jithassru ukoll il-kliem "the said" mill-kolonna ta' taghrif dwar l-omm tat-tarbija. Kunjom it-tarbija ghandu jitnizzel bhala "B".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------